# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 922/2015PM1**

**S. Rausi Trading Limited**
**(C 16668)**

**Vs**

**Carisma Limited**
**(C37961)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Dicembru, 2015 illi r-rkorrenti bieghet u kkonsenjat xorb lill-intimata li baqghet ma hallsitx l-ammont mitlub ta' elfejn, mitejn u ewro u sitta u sebghin centezmi (€2201.76) oltre spejjez legali tal-ittra ufficjali 166A talt23 ta' Lulju, 2014 mhux notifikata lill-intimata kif ukoll interessi legali sad-data tal-pagament effettiv u fejn is-socjeta` attrici talbet li t-Tribunal ordna lill-intimata thalas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti.

Ra l-kopja tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju, 2014 annessa mat-talba.

Illi l-konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta datata 1 ta' Lulju, 2016 permezz ta' liema s-socjeta` intimate eccepiet illi m'huwiex minnu li l-intimata hija debitrici tal-istess attrici fl-ammont indikat fl-avviz promotorju u li, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija attrici ghandha tressaq prova cara u skont il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha u tal-valur taghhom, a tenur, inter alia, tal-art. 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, salv risposti ulterjuri permessi mil-ligi.

Ra l-affidavits ta' Stephen Rausi u Josette Rausi (fol. 9 et. seq.) tal-process.

Sema' x-xhieda ta' Nadia Kentzia moghitja fis-seduta tat-12 t'Ottubru, 2016 u fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2016.

Ra d-dokumenti ezebiti a fol. 35 u 36 tal-process.

Ra li b'rikors datat 28 ta' Novembru, 2016 is-socjeta` intimata talbet li tressaq eccezzjoni ulterjuri fir-rigward tal-preskrizzjoni kwinkwennali skont l-art. 2156(f) tal-Kodici Civili u r-risposta tas-socjeta`attrici datata 12 ta' Dicembru, 2016, liema talba giet milqugha mit-Tribunal permezz ta' digriet datat 13 ta' Jannar, 2017.

Ra r-risposta ulterjuri prezentata mis-socjeta` intimata permezz ta' liema l-istess socjeta' intimata eccepiet ulterjorment li t-talba attrici hija preskritta a tenur tal-art. 2156(f) tal-Kodici Civili.

Sema' x-xhieda ta' Mark Aquilina moghitja fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2017 u l-kontro-ezami relattiv u x-xhieda moghtija mill-istess xhud fis-seduta datat 16 ta' Frar, 2017.

Ra d-dokumenti ezebiti mill-istess xhud Mark Aquilina. (fol. 48 -50 tal-process).

Sema' l-konfront li sar bejn ix-xhud Mark Aquilina u x-xhud Nadia Kentzia fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2017 u d-dokumenti ezebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi jehtieg illi qabelxejn dan it-Tribunal jikkunsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta intimata permezz tar-risposta taghha datata 20 ta' Jannar, 2017 (fol. 41 tal-process).

Illi jirrizulta car mill-*istatement* relattiv u minn dak li xehedu r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici li l-konsenji mertu tal-kawza odjerna saru fuq medda ta' zmien li tmur mill-31 ta' Lulju, 2010 sat-30 t'Ottubru, 2010 (fol. 60 tal-process).

Illi s-socjeta' intimata qed teccepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-art. 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). It-Tribunal jaqbel li dan huwa t-terminu preskrittiv applikabbli ghall-kaz stante li n-negozju mertu tal-kawza jirrigwardja proprju bejgh bl-ingrossa ta' merce destinata sabiex tigi rivenduta lill-konsumatur finali fir-'restaurant' gestit mis-socjeta' intimata. (ara f'dan is-sens **Pace Associates Limited Vs Drawing Techniques Limited** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) datata 7 ta' Dicembru, 2005)

Illi s-socjeta' attrici tikkontendi li kien hemm rikonoxximent tad-dejn da parti tal-intimat u li allura t-terminu preskrittiv gie interrott. F'dan ir-rigward jinsab deciz li:

*"Huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur-kreditur ghandu ghad-disposizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha. Ad exemplum:*

*(...)*

*(3) l-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew **billi juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi b'certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f' sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni.** F' dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet prevvisti mil-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili;*

*Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew **bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt.** Ad exemplum, **il-weghda tal-hlas**, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;*

*Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

*(...) Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu.*

*L-accertament ta' l-ezistenza, jew le, ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi **indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tat-tribunal adit.**”* (**Psaila Austin Vs Slabick Lother** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta’ Frar, 2005 – enfazi mizjuda).

Illi, aktar minn hekk, jinsab deciz ukoll li:

"*Ir-rikonjizzjoni tad-debitu tista' tkun prezunta jew indiretta dedotta minn fatt konkludenti, inkompatibbli mal-volonta` tal-kontestazzjoni tad-dritt tal-kreditur.*

*Dippju lanqas ma hu mehtieg li r-rikonjizzjoni tkun tal-kwantita` kollha dovuta u tista' tirrigwarda wkoll kreditu illikwidu **bhal fil-kaz li d-debitur jipprometti li jhallas jekk id-dejn tieghu jigi pruvat.***" (**Camilleri Raymond Noe Vs Scicluna Anthony Pro Et Noe** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar, 2004 – enfazi mizjuda).

Illi l-istess rapprezentant odjern tas-socjeta' intimate Mark Aquilina xehed 'viva voce' fis-sens li:

"(J)*ien bhalma ghamilt f'kull kaz iehor kont idderigejt lil persuni li kienu qeghdin jikkuntatjawni sabiex jikkuntatjaw direttament lill-ufficu tieghi ovjament **bi prova ta' dak li kienu qeghdin jitolbu sabiex wiehed jara kif seta' jissetilja l-ammonti li kienu dovuti u li jirrizultaw. (…) Jiena lil Nadia kif ukoll lil Josette kif kont nghid lil haddiehor kont nitlobhom jivverifikaw l-ammont li kienu qed jitolbu min-naha taghna, jikkuntatjaw lill-ufficju taghna u jipprezentaw kopja tal-istess sabiex ahna nkunu nistghu naffetwaw il-pagament jekk ikun hemm jew jekk jirrizulta li jkun hemm djun.***" (xhieda moghtija fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2017 a fol. 45 et seq.- enfazi mizjuda)

Illi ghaldaqstant huwa car li, bil-kontra ta' dak sottomess mis-socjeta' intimata, da parti tieghu Mark Aquilina effettivament gie li rrikonoxxa d-dejn meta, fi kliemu stess u fi kliem l-istess decizjoni hawn fuq citata, prometta li jhallas id-dejn tieghu jekk dan jigi pruvat. Din hija attitudni li hija dijametrikament opposta mal-kontestazzjoni tad-dejn. Jirrizulta car mix-xhieda tieghu stess illi tali pagament effettivament baqa' qatt ma sar ghaliex, skont l-istess Mark Aquilina, dokumenti a sostenn tal-ammont mitlub baqghu qatt ma ntbaghtu. Dan necessarjament ifisser illi l-preskrizzjoni giet interrotta proprju tramite tali dikjarazzjoni ripetuta da parti ta' Aquilina in rapprezentanza tas-socjeta' intimate, liema dikjarazzjoni tinsab ukoll riflessa fit-tieni eccezzjoni fil-mertu imressqa mill-istess socjeta` intimata. Ulterjorment tali dikjarazzjoni da parti ta' Aquilina lanqas

ma tissodisfa r-rekwizit mehtieg mill-art. 2160 tal-Kodici Civili kif emendat illum mill-Att I tal-2017.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal m'ghandu ebda ghazla hlief li jikkunsidra li, tramite l-istess xhieda ta' Mark Aquilina, it-terminu preskrittiv ta' hames snin rikjest mill-art. 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jirrizulta interrott. Ulterjorment, wara li sema' x-xhieda kemm ta' Mark Aquilina u kif ukoll ix-xhieda ta' Nadia Kentzia it-Tribunal jemmen li din l-interruzzjoni sehhet f'diversi okkazzjonijiet u certament madwar gimgha qabel intbaghtet l-email datata 9 ta' Frar, 2011 (fol. 56 u 58 tal-process). Il-kawza odjerna giet istitwita fil-15 ta' Dicembru, 2015.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' intimata.

Illi, b'zieda mas-surreferit l-istess socjeta` intimata ressqet ecezzjonijiet fil-mertu permezz tal-ewwel risposta prezentata minnha, fis-sens illi l-istess socjeta` intimata m'hijiex debitrici tal-attrici u li, ghal darb'ohra, s-socjeta` attrici ghandha "*tressaq prova cara u skont il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha u tal-valur taghhom*". F'dan ir-rigward it-Tribunal wara li ra l-istatement ezebit a fol 57 tal-process u wara li sema' x-xhieda tal-partijiet rispettivi jikkunsidra li s-socjeta' attrici irnexxielha tissodisfa l-oneru tal-prova imqieghed fuqha f'tali rigward. It-Tribunal jinnota wkoll, ai fini ta' kompletezza, li ma tikkostitwixxix difiza li Mark Aquilina dahal bhala direttur tas-socjeta' intimata wara d-data tal-konsenji u dan ghaliex il-persuna intimata f'dan il-kaz hija proprju s-socjeta` intimata b'personalita` guridika distinta minn dik tal-azzjonisti u/jew diretturi taghha. Kwindi anke l-eccezzjonijiet fil-mertu tas-socjeta' intimata ser jigu michuda.

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, gjaldarba l-ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju, 2014 baqghet qatt ma giet notifikata lis-socjeta` intimata l-ispejjez relattivi m'ghandhom jigu akkollatti lil din tal-ahhar.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni a tenur tal-art. 2156(f) tal-Kodici Civili imressqa mis-socjeta` intimata, jichad ukoll il-bqija tal-eccezzjonijiet kollha imressqin mill-istess socjeta` intimata, jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas is-somma ta' elfejn, mitejn u euro u sitta u sebghin centezmi (€2201.76) rapprezentanti xorb mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lis-socjeta` intimata fuq struzzjonijiet ta' din tal-ahhar, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez ta' din il-procedura, eskluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 23 ta' Lulju, 2014, ukoll kontra l-istess socjeta` intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**